**Illum kienet grazzja**

Waqt li kont miexi fil-għodu f'jum sabiħ
Laqqagħni l-Mulej miegħek ħa jferraħħni,
U tassew għax meta ġejna wiċċ imb’wiċċ
Intbaħt li bik ried bil-qabda jsabbarni.

Ma nafx, imma li jkolli nikteb xi ktieb
Żgur li fih għid li se inniżlek fl-istorja,
Għax min għidli jista' jazzarda jifhem
Kif l-imħabba tintiseġ fil-memorja?

Għal kollox ħaseb dan Alla Missierna
Biex żgur lil ħajjitna jagħmilha barka,
Wara li nitolbuh bid-dmugh f'għajnejna
Ma' nies twajba ilaqqaghna, daw’ tarka.

Bħalma int int, bis-sliem ta' kliemek hekk safi
U ħarsitek li tinfed il-kbir sema,
Li sar il-mant tiegħek li jibniek soda
Fis-sewwa ta' qalbek, o kemm tinstema'.

Ħajr lis-Sema li dejjem mexa miegħek
B'imħabba, kemm ħelsek minn kull diżgrazzja,
U baqa' miexi mieghek bl-akbar ħlewwa
Nifhem, li ltqajt mieghek 'llum kienet grazzja.

Patri Mario Attard OFM Cap
20 ta’ Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.